**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 147/2021/2**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Simon Camilleri**

**Kersten Camilleri***

Illum, 13 ta Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Kersten Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 353289(M), akkużat flimkien ma' Simon Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 453166(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli fl-14 ta' April 2020 għal ħabta ta' bejn is-siegħa u kwart ta' filgħodu ġewwa Triq it-Tfief San Gwann ikkommettew serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Waqas Gul liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin.

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Waqas Gul kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjġu

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta

jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

4. Talli fl-10 ta' April 2020 għal ħabta ta' bejn in-nofs siegħa ta' filgħodu u is-siegħa ta' filgħodu ġewwa Triq il-Gizimina Zabbar ikkommettew serq ta' basket li kien fih flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) u bil-ħin.

5. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjġu.

6. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi ġarrew 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

7. Talli bejn it-8 ta' April 2020 f'nofs il-lejl neqsin kwart u id-9 ta' April 2020 f'nofs il-lejl u kwart ta' filgħodu ġewwa Triq Tal-Karmnu, Bormla ikkommettew serq ta' basket li kien fih flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Waqas Gul liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) u bil-ħin.

8. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Waqas Gul kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjġu.

9. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi ġarrew 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Lil Kersten Camilleri wahdu akkuzat ukoll:

1. Talli fl-14 ta' April 2020 għal ħabta ta' bejn id-disgħa u kwart ta' filgħaxija u l-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija ġewwa Triq San Pawl, Bormla ikkommetta serq ta' basket li kien jikkontjeni flus kontanti u mobile phone minn fuq il-persuna ta' Dean Abela liema serq huwa aggravat bil-vjolenza,

bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) u bil-ħin.

2. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dean Abela kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjġu.
3. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
4. Talli fil-11 ta' April 2020 għall ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu ġewwa Triq San Frangisk Bormla bil-ħsieb li jagħmel reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBS292 ta' l-għamla Toyota Yaris għad-dannu ta' Rosanne Aquilina u/jew persuni oħra skond Art 41, Art 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.
5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobli u ċioe għamel ħsara f'vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBS292 tal-għamla Toyota Yaris, liema ħsarat huma ta' anqas minn 250 Ewro għad-dannu ta' Rosanne Aquilina.
6. Talli fid-29 ta' Marzu 2020 xjentement f'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa u ċioe vettura tal-għamla Kia Ceres bin-numri tar-reġistrazzjoni EAP773, li il-valur tagħha jeċċedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u disgħin ċentezmu (€232.90) meħuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħ jew imexxi dan l-oġġett.
7. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. S. Grech LL.D, datata 10 ta' Awwissu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.
8. U aktar talli f'dan l-aħħar xhur f'dawn il-gzejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD fid-digriet tagħha tal-10 ta' Novembru 2017 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.
9. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Lil Simon Camilleri waħdu akkuzat ukoll:

1. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LLD fid-digriet tagħha tat-27 ta' Awwissu 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.
2. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Antonio Vella LLD fid-digriet tiegħu tat-2 ta' Awwissu 2016 li bih ta il-helsien mill-arrest.
3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 289, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 280(2), 334(a), 86, 87(1)(e), 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b) u 325(1)(c) Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Kersten Camilleri ħati tal-akkuzi 1, 2 u 3 (2 u 3 mezz għal fini) 4, 5, 6 (5 u 6 mezz għall-fini) 7, 8, 9 (8 u 9 mezz għall-fini) u l-akkuzi 1, 2, 3 (2 u 3 mezz għall-fini), 4 u 5 (5 mezz għall fini), 6 u 9 (fil-konfront ta' Kersten Camilleri waħdu) u kkundanatu għal piena ta' erba' (4) snin u ħames (5) xhur priġunerija filwaqt li lliberatu mill-akkuza sebgħa (7) u tmienja (8) fil-konfront tiegħu waħdu stante li ma ġietx ippruvata. *In oltre*, wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 289, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 280(2), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Simon Camilleri ħati tal-akkuzi 1, 2 u 3 (2 u 3 mezz għall-fini), 4, 7 u 3 (fil-konfront ta' Simon Camilleri waħdu) u kkundanatu għal piena ta' tliet (3) snin priġunerija filwaqt li lliberatu mill-akkużi l-oħra kollha fuq nuqqas ta' provi. Finalment u a bażi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundanat lill-imputati Simon Camilleri u Kersten Camilleri in solidum għall-ħlas tal-ispejjez peritali ammontanti għal erba' mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin centezmu (€427.50).

Rat ir-rikors tal-appellant Kersten Camilleri minnu ppreżentat nhar it-22 ta' Marzu 2023 fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn ma ġiex misjub ħati, ossia akkuzi numru sebgħa (7) u tmienja (8) fil-konfront tiegħu waħdu, u tħassarha, tirrevokaha u tannullaha fejn sabitu ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew *in subsidum*, f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' erbgħa snin u

ħames xhur priġunerija għal waħda ekwa u ġusta jew minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja.

Rat it-talba magħmula mill-appellant Kersten Camilleri, nhar id-19 ta' Mejju 2023, fejn talab lil dina l-Qorti tikkonverti ruħha f' Qorti dwar id-Droga fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Qieset l-oġġezzjoni mqanqla da parti tal-Avukat Ġenerali stante li l-appellant mhux kandidat idoneju sabiex jibbenefika mid-dispost tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 u dana billi huwa mixli b'reat volontarju ta' kontra l-persuna kif hemm dispost fis-sub inċiz (2)(b) tal-Artikolu 8 u dan billi l-appellant huwa mixli bir-reat tas-serq aggravat bil-vjolenza u dan tas-sekwestru tal-persuna skond l-Artikolu 86 tal-Kap. 9. Semgħet il-provi mressqa dwar din it-talba, u ċioe it-testimonjanza ta' David Mellors, Maria Caruana, Odelsie Bayliss, Paula Cassar, Maria Farrugia u Nicoletta Farrugia, kif ukoll eżaminat l-assjem tal-provi kompilati quddiem l-Ewwel Qorti.

Rat id-digriet tagħha datat 23 ta' Frar 2024 fejn ċaħdet it-talba tal-appellant u ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell.

Semgħet trattazzjoni dwar l-aggravji mqanqla mill-appellant fir-rikros tal-appell tiegħu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, u dan meta jikkontendi illi hemm elementi f'kull reat lilu addebitat li ma ġewx ppruvati, senjatament –

i) Il-ħin relevanti *ossia* meta sar it-teħid tal-ħaġa; kif ukoll
ii) L-arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi tal-vittma/i.
iii) Il-ħsara volontarja ikkaġjonata fil-vettura ta' waħda mill-vittmi.
iv) L-elementi tar-reat ta' riċettazzjoni.

Illi, l-appellant ġie effettivament misjub ħati ta' erba' serqiet, u ċioe' –

a) Serqa li saret nhar it-8 ta' April 2020, għad-detriment ta' Waqas Gul
b) Serqa li saret nhar l-10 ta' April 2020, għad-detriment ta' Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed
c) Serqa li saret nhar l-14 t'April 2020, għad-detriment ta' Wasal Gul

d) Serqa li saret nhar l-14 t'April 2020, għad-detriment ta' Dean Abela.

Oltre dan huwa kien misjub ħati ukoll ta' diversi reati oħra fosthom dak tal-arrest illegali tal-vittmi fil-waqt tal-kummissjoni tar-reati ta' serq, kien mijsub ħati ukoll tar-reat ta' tentattiv ta' serq fuq vettura u l-ħsara volontarja ikkaġjonata waqt il-kummissjoni ta' dan ir-reat, kif ukoll kien hemm ir-reita' għar-reat ta' riċettazzjoni meta l-appellant kien misjub fil-pussess ta' vettura li kienet irrappurtata misruqa ġurnata qabel.

Illi, jibda biex jingħad, qabel kull konsiderazzjoni oħra dwar l-aggravji imqanqla mill-appellant, illi l-vittmi ta' l-erba' serqiet li kienu *couriers* inkarigati b'konsenji ta' ikel, u liema serqiet, tista' tgħid, kellhom l-istess *modus operandi*, kollha xehdu fil-proċeduri odjerni u kollha għarfu lill-appellant bħala wieħed mill-aggressuri tagħhom.

**a. <u>Dwar is-serqa li saret nhar it-8 ta' April 2020</u>**

Illi, <u>Waqas Gul</u> xehed li huwa kien *delivery courier* tal-*Pizza4U* u li nhar it-8 ta' April bejn it-8pm u 9pm kienet saret ordni fejn hu kellu jagħmel konsenja ġewwa Annunciation Street, l-Isla. Huwa xehed li "**Meta jiena mort Annunciation Street u ċempilt, għidtilhom għandi delivery għalihom pero' huma qaluli "le. Qiegħed f'post ħazin." U qaluli biex immur, biex immur fiċ-ċentru ta' Bormla fejn hemmhekk ikun hemm ħafna karozzi pparkjati. Meta wasalt indunajt li kien hemm tnejn minn nies u allura jiena waqaft ħdejhom, għidtilhom li ġibtilhom l-ikel, ovjament minn fuq il-mutur u tajthom id-drinks, tajthom id-drinks imbagħad huma ħaduli l-pouch umbagħad telqu jiġru. The pouch is the money, the pouch where I put in the money, aw il-pouch fejn indaħħal il-flus kien hemm xi ħames mija u tletin Ewro**". Jgħid li l-malviventi ħarġu sikkina u qalulu sabiex jagħtihom il-*pouch* li kellu. Meta huwa rrifjuta, huma ġibdulu l-*pouch* u telqu bih. Sussegwentement huwa mar l-Għassa jagħmel rapport u ta deskrizzjoni lill-pulizija tal-malviventi bħala "**wieħed kien kbir u wieħed kien zgħir**" ... "**wieħed bejn ħamsa u ħamsin u sittin sena u l-ieħor bejn ħamsa u tletin sena**". Illi waqt it-testimonjanza tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, mbaghad, Waqas Gul għaraf lill-imputati bħala l-aggressuri tiegħu u speċifika li kien l-appellant Kersten Camilleri li kellu s-sikkina f'idejh u li ħadlu il-*pouch* tal-flus.

**b. <u>Dwar is-serqa li seħħet nhar l-10 ta' April 2020</u>**

Illi, <u>Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed</u> xehed li huwa jaħdem bħala *delivery courier* mal-*Pizza4u* u li nhar l-10 t'April 2020 bejn il-kwarta u s-siegħa ta' filgħodu kellu *delivery* ġewwa Triq Ġizimina, Zabbar. Jgħid li huwa mar fuq il-post u għadda l-ikel lir-raġel li kien qed jistennieh, liema raġel beda jargumenta miegħu u jgħidlu li dik ma kinitx l-ordni tiegħu. Il-vittma ċempel il-ħanut li kien ipprovda l-ordni sabiex jipprova jsolvi

din il-kwistjoni, pero' fil-frattemp dan ir-raġel daħħal idejh fil-but, ħareġ sikkina ta' madwar 20 ċentimetru, ippuntaha lejh u qallu "**jekk tgħajjat jiena noqtlok**". Qallu ukoll sabiex jagħtih il-*pouch* bil-flus. Il-vittma tirrakonta ukoll li kien hemm persuna oħra mal-aggressur li kienet tfietlu l-karozza u li wissieh biex ma jirreaġġixiex. Sussegwentement, kemm fl-*identification parade* magħmula mill-investigaturi kif ukoll *in awla*, il-vittma għaraf kemm lill-appellant kif ukoll lil Simon Camilleri bħala l-aggressuri tiegħu fejn tenna – "**mela jiena stajt nagħraf avolja qegħdin bil-maskra, qed nagħrafhom minn għajnejhom. Ma nistax qatt ninsa. Huma kienu lebsin il-hoodies imma ma nistax ninsa' l-ħarsa t'għajnejhom**". *In oltre*, huwa jikkonferma li kien propju l-appellant Kersten Camilleri li kien ippuntalu s-sikkina u jikkonferma wkoll li l-malviventi kienu serqulu madwar €300-€400 fi flus kontanti.

### c. <u>Dwar is-serqa li saret nhar l-14 t'April 2020</u>

Illi, <u>Waqas Gul</u> xehed li jumejn wara l-ewwel serqa fuqu, u ċioe' nhar l-10 t'April 2020, huwa kien involut f'inċident ieħor, dina d-darba ġewwa San Ġwann, senjatament fi Triq it-Tin u dana għall-ħabta tas-1:45am. Xehed li meta wasal hemm bl-ordni li kien mitlub jikkonsenja, kien hemm tnejn minn nies li ħarġu minn wara l-karozza - "**So, meta kont qed nagħti l-ikel lill-customer li semmejt qabel emm il-bieb numru erbgħa u tletin, so, wara li, wara li ħallejt l-ikel e kien hemm dawn iz-zewġ persuni li kienu qed jistennew wara l-karozza. Dawn it-tnejn ħarġu minn wara l-karozza, ġew fuqi, qaluli biex intihom il-flus, anzi qaluli biex intihom il-pouch. Jiena għidtilhom li m'għandiex pouch għax il-flus filfatt kienu fil-but għax dak iz-zmien li kien ġara l-ewwel inċident, il-boss kien qalilna biex ma nuzawx pouch aktar**". U jkompli - "**... dawn iz-zewġ persuni meta għidtilhom li ma għandiex pouch daħlu jdejhom fil-but tiegħi u ħadu l-flus**", liema flus kienu jammontaw għal ċirka erbgħin Ewro. Waqas Gul xehed li din id-darba iz-zewġ aggressuri kellhom sikkina f'idejhom u jisħaq li dawn kienu l-istess zewġ individwi li kienu serquh Bormla jumejn qabel. Infatti meta huwa mar jagħmel rapport lill-Pulizija dwar dan l-akkadut, reġa għaddhielhom deskrizzjoni tal-malviventi billi qal li z-zgħir fost it-tnejn kellu qisu barba zgħira u xagħru qasir, huwa ntwera 18 ir-ritratt, minn liema ritratti huwa identifika l-aggressuri tiegħu fiz-zewġ istanzi bħala l-appellant u Simon Camilleri, kif sussegwentement reġa' għamel quddiem l-Ewwel Qorti.

### d. <u>Dwar is-serqa li saret nhar l-14 t'April 2020</u>

Illi, <u>Dean Abela</u> xehed li huwa kien *delivery courier* tal-istabbiliment *Dominos* u li nhar l-14 t'April 2020, filgħaxija, huwa mar jikkonsenja ordni fl-indirizz 98, Triq Pietru Pawl, Bormla. Ħabbat il-bieb u r-residenti ta' din l-abitazzjoni għarrfuh illi huma ma kienu għamlu ebda ordni. Għalhekk huwa ċempel in-numru tet-telefon li kien hemm fuq l-ordni fejn il-persuna li rrispondietu qaltlu sabiex jistennieha fil-*carpark* ta' fejn id-*dockyard*. Abela mar fil-post indikat u sab l-istess raġel li kien kellmu fuq it-telefon

li meta talbu l-ħlas għall-ikel li kkonsenjalu, dan ħareġ sikkina u qallu sabiex igħaddielu l-*pouch* tal-flus. Abela beza', għadda dan il-*pouch* lill-aggressur tiegħu li wara ħarab minn fuq il-post. Meta irrapporta din is-serqa lill-pulizija huwa kien ġie muri r-ritratt ta' l-appellant fejn Abela ikkonferma li dan kien l-aggressur tiegħu. Sussegwentement, *in awla*, huwa reġa' għaraf lil Kersten Camilleri bħala l-malvivent, l-awtur tar-reat.

**L-istqarrija tal-appellant**

Illi, wara li l-appellant irrifjuta li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni, irrilaxxja stqarrija nhar il-15 t'Awwissu 2020 fejn ammetta għas-serqiet kollha appena msemmija. Huwa jgħid li Simon Camilleri huwa l-kuġin tiegħu "**u konna nagħmlu dawn is-serqiet flimkien**". Rigward is-serqa minn fuq il-persuna tal-*courier* tad-*Dominos*, u ċioe' dik ta' Dean Abela, huwa jikkonferma li hu u Simon kienu marru fuq il-post u li l-vittma kienet rat lilu biss għax Simon kien baqa' jistennieh ftit 'il bogħod għax beda jibza' peress li l-*courier* kien Malti. Jikkonferma li għamel l-ordni hu – "**xejn, morna fuq il-post u beda wasalna hekk li ġie, ġie miegħi, qalli li hu Malti qisu beda' jibza' u hekk. Qagħad naqra l-bogħod hu, u mort jien**". U jkompli "**...għidtlu tini l-pouch. Tani l-pouch u tlaqt**". Jgħid li l-intenzjoni tiegħu ma kinitx li jweġġa' lil Abela imma li jieħu l-flus ħalli jixtri d-droga.

Illi, rigward l-inċident ta' San Ġwann, u ċioe' dak fejn kien involut il-*courier* Waqas Gul, l-appellant ikkonferma li kienu huwa u Simon Camilleri li kkommettew is-serqa u jgħid li inzertaw il-*courier* waqt li kienu qed iduru bil-karozza. Jikkonferma li kien bil-lejl u li kien "**... ħareġ Simon fin-nofs miskin u dan waqa' bil-mutur u beda jgħidlu m'għandix flus uuu naqa zgħar jekk ħa ten Euro u tlaqna l-hemm**".

Illi, dwar is-serq mill-*Housing Estate* ta' Ħaz-Zabbar, li kien jivolvi lil Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed bħala il-vittma tar-reat, l-appellant jikkonferma li kien hu li ċempel u għamel l-ordni u sussegwentement mar fuq il-post flimkien mal-ko-akkużat Simon Camilleri u hemmhekk wettqu is-serqa. L-istess *modus operandi* ntuża fir-rigward tas-serqa minn Triq il-Karmnu, Bormla, fejn anke hawnhekk l-appellant jerġa' jammetti li din kienet kommessa minnu u mill-ko-akkużat Simon Camilleri.

Illi, l-appellant jammetti ukoll fl-imsemmija stqarrija illi l-flus misruqa kien ħbiehom fil-*washing machine* fejn sussegwentement instabu mill-Pulizija. Finalment, jinnega li qatt hedded lil Simon Camilleri sabiex jmur miegħu biex jassistieh fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati, u li dan kien mar miegħu volontarjament.

Illi, tenut kont dan kollu, din l-Qorti tinsab moralment konvinta li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment issib ħtija fl-appellant kif għamlet. Mill-provi prodotti, jirrizulta mingħajr ebda ombra ta' dubbju illi għall-erba' serqiet ntuża l-istess *modus operandi* bl-erba' li huma jkunu kommessi tard filgħaxija jew kmieni filgħodu,

u li għalhekk il-kwalifika tal-ħin hija ippruvata. *In oltre*, irrizulta ukoll li l-vittmi kollha kienu fl-impossibilita' li jitilqu minn fuq il-post u kienu miżmuma milli jagħmlu dan meta l-aggressuri ppontaw sikkina fid-direzzjoni tagħhom u heddewhom li jagħmluhom il-ħsara jekk ma jikkonsenjawlhomx il-flus. Għalhekk ċertament li l-ewwel żewġ aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti erronjament sabitu ħati li kkaġuna ħsara volontarja fil-proprjeta' ta' Roseanne Aquilina nhar il-11 t'April 2020. Huwa jisħaq li fil-każ in eżami l-allegata ħsara fil-vettura tal-vittma ma ġietx ivvalutata direttament mill-ġudikant, fis-sens li jekk il-ġudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-ħsara billi jezamina l-oġġett in kwistjoni. Inoltre lanqas kien hemm dikjarazzjoni mill-parti offiża dwar kemm effettivament ħallset sabiex issewwiet il-ħsara, kif lanqas kien nominat perit mill-qorti biex jikkwantifika l-ħsara kkaġonata.

Illi, l-appellant kien misjub ħati tat-tentattiv ta' serq ta' vettura proprjeta' ta' Roseanne Aquilina, u tar-reat tal-ħsara volontarja ikkaġjonata fil-kummissjoni tar-reat bħala l-mezz ai fini tal-istess. Mix-xhieda mogħtija minn Aquilina stess jirriżulta illi nhar il-11 t'April 2020 fis-01:45am, il-Pulizija nfurmawha li kien hemm xi ħadd qed jipprova jisraq il-vettura tagħha tal-għamla Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni CBS 292. Tkompli tixhed u tgħid illi l-ħsara kkaġjonata fil-vettura mill-malvivent li ipprova jisraqha kienet tammonta għal madwar mitejn u tletin Ewro, liema ħsara kienet tikkonsisti fi ħsara mal-lasktu tat-tieqa u l-bieba li kellha tiġi sprejjata mill-ġdid. Tikkonferma illi dan l-ammont kien l-istima mogħtija lilha mill-*panel beater* u li din għaddeitha lill-pulizija.

Illi, ukoll mill-provi jirrizulta li l-appellant kien inqabad *in flagrante delicto* jipprova jisraq dina l-vettura u għalhekk huwa indubitat li kkaġuna l-imsemmija ħsara fil-vettura. Għalhekk anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta mid-deċizjoni tal-Ewwel Qorti fejn din sabitu ħati tar-reat ta' riċettazzjoni ta' vann tal-għamla Kia Ceres bin-numru ta' reġistrazzjoni EAP773, li kien propjeta' ta' ċertu Fisal Mohammed Jagoob. Huwa jisħaq li l-ingredjenti ta' dan ir-reat ma ġewx ppruvati.

Illi, il-ġurisprudenza nostrana hija kopjuza dwar dan ir-reat u filfatt l-Ewwel Qorti tagħmel aċċenn għal diversi sentenzi li jitkellmu dwar l-ingredjenti rikjesti sabiex

jissusisti ir-reat ta' riċettazzjoni, li a skans ta' repetizzjoni, dina l-Qorti ser tagħmel tagħha din l-espozizzjoni ta' dritt fir-rigward.

Illi, mhuwiex ikkontestat illi l-appellant instab fil-pussess ta' dan il-vann proprjeta ta' Fisal Mohammed Jagoob li kien irrappurtat misruq ġurnata qabel. Huwa jispjega illi ħa pussess tiegħu għaliex sabu vojt u għalhekk daħal fih. Irriżulta mix-xhieda ta' Fisal Mohamed Jagoob li dan il-vann kien filfatt ġie misruq f'Marzu 2020 u li ġurnata wara li sar ir-rapport intlemaħ minn sieħbu ġewwa Raħal il-Ġdid. Il-Pulizija fittxew dan il-vann u sabuh fi Triq Ninu Cremona ġewwa Raħal il-Ġdid u fih kien hemm l-appellant flimkien ma' ċertu Stephanie Tonna. Illi apparti l-ħsarat li kellu dan il-vann kien innutat ukoll illi kellu l-*wires* ta' taħt l-*isteering wheel* maqtughin, oltre li kien hemm sinjali ta' illivar mal-bieba, sabiex b'hekk huwa indubitat illi l-vann kien misruq. L-appellant minn naħa tiegħu ma jagħtix spjegazzjoni dwar kif kien fil-pussess ta' dana l-vann misruq proprju ftit wara li insteraq, u dan meta mill-ħsara kif rappurtata fih kellha tkun evidenti għalih illi dan kellu provenjenza illeċita. Għalhekk ġaladarba ma weriex li huwa kellu tali pussess b'mod leġittimu, b'applikazzjoni tat-tejorija tar-*recent possession,* li l-Ewwel Qorti tagħmel referenza għaliha fis-sentenza appellata, ir-reat ta' riċettazzjoni jissusisti fil-konfront ta'l-appellent u ma hemm xejn sindikabbli fis-sentenza mpunjata fir-rigward. Għalhekk, anke dan l-aggravju qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija fil-konfront ta' Kersten Camilleri fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**